**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 29 TA' MEJJU, 2002**

**Avviz Nru: 828/02 AJD**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Josephine Debarro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u disghin lira Maltin (Lm1,090.00), rappresentanti import ta' ghaxar kambjali, kollha ta' mija u disgha liri Maltin (Lm109.00) il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Gunju 2001 sa Marzu 2002, rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 10).
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar, 2002, u bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Marzu, 2002, jammontaw ghal tlieta u erbghin lira Maltin (Lm43.00), oltre l-imgahx ulterjuri sal-pagament effettiv.

Ra n-nota tal-konvenuta li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u disghin lira Maltin (Lm1,090.00), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**